

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Proprjetà Fiż-żwieġ U Fis-sħubijiet Ċivili](#) > [Il-Konsegwenzi Patrimonjali Ta' Sħubijiet Irreġistrati](#) > Luxembourg

## Il-Konsegwenzi Patrimonjali ta' Sħubijiet Irreġistrati

 Lussemburgu

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Hemm forom differenti ta' "sħubijiet irreġistrati" f'dan l-Istat Membru? Spjega d-differenzi bejn il-forom differenti?

Hemm biss reġim wieħed ta' sħubija rreġistrata (*régime de partenariat enregistré*) fil-Lussemburgu, li ddaħħal permezz tal-Liġi tas-9 ta' Lulju 2004 dwar l-effetti legali ta' ċerti sħubijiet (*loi du 9 juillet 2004 relative aux effets légaux de certains partenariats*) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Liġi"). Il-Liġi sussegwentement ġiet issupplimentata.

Din il-Liġi tiddefinixxi s-sħubija bħala koabitazzjoni bejn żewġ persuni ta' ġeneri differenti jew tal-istess ġeneru li jgħixu flimkien bħala koppja u li jkunu għamli dikjarazzjoni lir-reġistratur ċivili (*officier de l'état civil*) tal-muniċipalità fejn għandhom ir-residenza konġunta (*domicile*) jew id-dar tagħhom.

### 2 Hemm reġim ta' proprjetà statutorju għas-sħubijiet irreġistrati f'dan l-Istat Membru? X'jipprevedi? Għal liema forom ta' "sħubija rreġistrata" japplika?

Skont l-Artikolu 10 tal-Liġi , *is-separazzjoni tal-proprjetà* tikkostitwixxi r-reġim ordinarju, fin-nuqqas ta' ftehim speċifiku. Għalhekk, kull wieħed mis-sħab iżomm il-proprjetà (mobbli u immobbli) li jista' jagħti prova tas-sjieda tagħha, il-benefiċċji u l-introjtu mill-proprjetà tiegħu u r-rikavat mix-xogħol tiegħu. Preżunzjoni ta' koproprietà tapplika għall-proprjetà li fir-rigward tagħha l-ebda sieħeb ma jista' jagħti prova tas-sjieda.

Is-sħab jistgħu jidderogaw mir-reġim legali billi jispeċifikaw il-konsegwenzi tas-sħubija fir-rigward tal-proprjetà permezz ta' ftehim li għandu jiġi rreġistrat.

Barra minn hekk, il-Liġi tipprevedi reġim legali primarju li japplika għas-sħubijiet kollha. Għalhekk, l-għoti ta' assistenza materjali reċiproka (*apport mutuel d'une aide matérielle*) fi proporzjon mal-mezzi rispettivi tas-sħab huwa essenzjali. Barra minn hekk, kull sieħeb jibqa' responsabbli biss għad-djun personali mġarrba qabel jew matul is-sħubija. Finalment, is-sħab ma jistgħux jiddisponu individwalment mid-drittijiet li bihom tkun żgurata d-dar konġunta jew l-attrezzaturi tagħha.

Is-sħab igawdu l-istess protezzjoni soċjali bħall-persuni miżżewġin skont il-Liġi, eż. huma intitolati għal pensjoni tas-superstiti u jibbenefikaw mill-istess eżenzjoni mit-taxxa bħall-persuni miżżewġin, inkluż fir-rigward tat-tariffi tar-reġistrazzjoni, it-taxxa tas-suċċessjoni u t-taxxi diretti.

Ir-reġim legali japplika għal forma waħda ta' sħubija rreġistrata disponibbli fil-Lussemburgu.

### 3 Is-sħab, kif jistgħu jirregolaw ir-reġim tal-proprjetà tagħhom? X'inhuma r-rekwiżiti formali f'dan il-każ?

Is-sħab jistgħu jiddeċiedu li ma jikkonkludu l-ebda ftehim affattu dwar ir-reġim tal-proprjetà. F'dan il-każ, ir-reġim legali japplika għas-sħubija tagħhom. Inkella, huma jistgħu jikkonkludu ftehim li fih jispeċifikaw il-konsegwenzi tas-sħubija tagħhom fir-rigward tal-proprjetà.

L-eżistenza ta' ftehim bħal dan trid tiġi ddikjarata lir-reġistratur ċivili meta tiġi ddikjarata s-sħubija . Fuq talba tar-reġistratur ċivili, il-ftehim imbagħad jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku (*Parquet Général*) fi żmien 3 ijiem ta' xogħol, fejn jiġi rreġistrat u jinżamm fir-reġistru ċivili (*Répertoire Civil*). Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru ċivili tagħmel id-dikjarazzjoni ta' sħubija eżegwibbli kontra terzi.

Is-sħab huma liberi li jemendaw jew ibiddlu r-reġim tal-proprjetà tagħhom permezz ta' ftehim emendatorju (*convention modificative*), li għandu jiġi ppreżentat lir-reġistratur ċivili li jkun irċieva l-att inizjali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jrid jiġi nnotifikat b'kull emenda sussegwenti permezz tal-istess formalitajiet.

### 4 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' kif jiġi rregolat reġim tal-proprjetà?

Il-libertà li tiġi stabbilita sħubija rreġistrata hija soġġetta għal limitazzjonijiet. Kull sħubija hija soġġetta għal reġim legali primarju relatat ma' ċerti konsegwenzi fir-rigward tal-proprjetà li minnhom ma tista' ssir l-ebda deroga bi ftehim.

Għalhekk, is-sħab iridu jipprovdu assistenza materjali lil xulxin. Iż-żewġt isħab iridu jikkontribwixxu għall-ispejjeż tas-sħubija fi proporzjon mal-mezzi rispettivi tagħhom. Is-sħab huma responsabbli *in solidum* fil-konfront ta' terzi għad-djun imġarrba bil-għan li jipprovdu għall-ħtiġijiet ta' kuljum tal-unità domestika tagħhom jew għad-dar konġunta, anke wara li s-sħubija tkun intemmet. Madanakollu, ir-responsabbiltà *in solidum* (*solidarité*) ma tapplikax għal nefqa li tkun manifestament eċċessiva, meta jitqies l-istil tal-ħajja tas-sħab, l-utilità jew in-nuqqas ta' utilità tat-tranżazzjoni jew il-*bona fide* jew *mala fide* tat-terz kontraenti. Fil-każ ta' xiri bi kreditu, obbligazzjoni *in solidum* tapplika biss jekk iż-żewġt isħab jagħtu l-kunsens tagħhom għax-xiri.

Barra minn hekk, fir-rigward tad-dar konġunta u l-attrezzaturi tagħha, is-sħab ma jistgħux jiddisponu minnhom b'mod indipendenti. Sieħeb li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għad-disponiment jista' jitlob l-annullament tiegħu (*annulation*).

### 5 X'inhuma l-effetti legali tax-xoljiment jew l-annullament fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Sħubija rreġistrata tintemm awtomatikament fil-każ ta' żwieġ jew mewt ta' wieħed mis-sħab, b'effett mid-data tal-avveniment.

Sħubija rreġistrata tista' wkoll tintemm b'dikjarazzjoni konġunta (*déclaration conjointe*) jew dikjarazzjoni unilaterali (*déclaration unilatérale*).

Ix-xoljiment (*dissolution*) jidhul fis-seħħ fid-data tar-reġistrazzjoni tiegħu, fir-rigward tar-relazzjoni bejn is-sħab. Huwa eżegwibbli kontra partijiet terzi mill-mument tar-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru ċivili.

Ix-xoljiment ta' sħubija rreġistrata jinvolvi l-likwidazzjoni (*liquidation*) tar-reġim tal-proprjetà. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor kuntrattwalment, kull sieħeb jirkupra l-proprjetà personali tiegħu u l-proprjetà li hija proprjetà konġunta tinqasam b'mod indaqs bejniethom.

Madankollu, il-persuni li qabel kienu fi sħubija jistgħu jkomplu f'kopprjetà bejniethom (*rester en indivision*) jekk ikunu jixtiequ hekk.

It-tmiem tas-sħubija jinvolvi l-waqfien tal-assistenza materjali reċiproka, ħlief jekk ikun miftiehem mod ieħor mis-sħab jew deċiż mod ieħor mill-qorti.

Il-qorti tal-familja tista', b'mod eċċezzjonali, tagħti manteniment (*aliments*) lil wieħed mis-sħab jew tordna miżuri

urġenti u *interim (mesures urgentes et provisoires)* ġustifikati sa tmiem is-sħubija reġistrata.

Il-liġi tal-Lussemburgu ma tirrikonoxxi l-annullament ta' sħubijiet reġistrati.

## 6 X'inhuma l-effetti legali tal-mewt fuq il-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

Il-mewt ta' wieħed mis-sħab tirriżulta fix-xoljiment u l-likwidazzjoni tas-sħubija.

Is-sħab ma humiex werrieta legali ta' xulxin, sakemm ma jkunux imsemmija f'testament miktub skont ir-regoli ordinarji.

## 7 Liema awtorità għandha l-kompetenza li tiddeċiedi f'każ relatat mal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata?

L-Artikolu 1007-1 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid jipprevedi li l-qorti tal-familja tisma' r-rikorsi dwar il-kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż tas-sħubija rreġistrata, minbarra li jipprevedi miżuri interim fil-każ tat-terminazzjoni tas-sħubija reġistrata.

Għall-kwistjonijiet l-oħra kollha, tapplika l-liġi ordinarja.

## 8 X'inhuma l-effetti tal-konsegwenzi patrimonjali tas-sħubija rreġistrata fuq ir-relazzjonijiet legali bejn sieħeb u parti terza?

Iż-żewġt isħab jinżammu responsabbli *in solidum*, anke wara t-tmiem tas-sħubija, fil-konfront ta' terzi għad-djun imġarrba minnhom jew minn wieħed minnhom matul is-sħubija biex jipprovdu għall-ħtiġijiet ta' kuljum tal-unità domestika tagħhom u għall-ispejjeż relatati mad-dar konġunta.

Madankollu, ir-responsabbiltà *in solidum* ma tapplikax għal nefqa li tkun manifestament eċċessiva, meta jitqies l-istil tal-ħajja tas-sħab, l-utilità jew in-nuqqas ta' utilità tat-tranżazzjoni jew il-*bona fide* jew *mala fide* tat-terz kontraenti. Lanqas ma tapplika għall-obbligi li jirriżultaw minn xiri bin-nifs, sakemm ma jkunux ġew konklużi bil-kunsens taż-żewġt isħab.

Soġġett għar-regoli msemmija hawn fuq, kull sieħeb jibqa' responsabbli unikament għad-djun personali mġarrba qabel jew matul is-sħubija.

Barra minn hekk, fir-rigward tad-dar konġunta u l-attrezzaturi tagħha, is-sħab ma jistgħux jiddisponu minnhom b'mod indipendenti. Sieħeb li ma jkunx ta l-kunsens tiegħu għad-disponiment jista' jitlob li dan jiġi rrevokat.

## 9 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura għad-diviżjoni, inklużi l-partizzjoni, id-distribuzzjoni u l-likwidazzjoni, tal-proprjetà tas-sħubija rreġistrata f'dan l-Istat Membru

Soġġett għar-reġim ordinarju tal-proprjetà, kull sieħeb jirkupra l-proprjetà u d-djun personali tiegħu stess. Il-proprjetà konġunta tinqasam jew permezz ta' ftehim bonarju (*à l'amiable*) jew mill-qrati, jekk il-partijiet ma jaslux għal ftehim.

Id-dispożizzjonijiet ordinarji li jirrigwardaw il-koproprjetà u d-diviżjoni huma applikabbli (l-Artikolu 815 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili).

Għall-kwistjonijiet kollha relatati maż-żamma ta' proprjetà konġunta u allokkazzjoni preferenzjali, il-bejgħ b'irkant ta' proprjetà konġunta u l-effetti ta' diviżjoni, issir referenza għad-dispożizzjonijiet dwar "Suċċessjoni" (l-Artikoli 718 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili).

## 10 X'inhuma l-proċedura u d-dokumenti jew l-informazzjoni tipikament meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe att *inter vivos* (*actes entre vifs*), kemm jekk bla ħlas kif ukoll jekk bi ħlas, it-trasferiment tad-drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli (*droits réels immobiliers*) għajr drittijiet preferenzjali (*privilèges*) jew ipoteki (*hypothèques*), jiġi insinwat fl-uffiċċju tar-reġistru tal-ipoteki (*Bureau de la Conservation des Hypothèques*) tal-ġurisdizzjoni li fiha tinsab il-proprjetà.

Id-dispożizzjonijiet tal-Liġi emendata tat-25 ta' Settembru 1905 dwar l-insinwazzjoni tad-drittijiet *in rem* fi proprjetà immobbli (*loi modifiée du 25 septembre 1905 sur la transcription des droits réels immobiliers*) huma applikabbli.

---

L-aħħar aġġornament: 31/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.